# TOPONIMI ĦALLUQIN F'DOKUMENTI ANTIKI ca. 1480-1600

It-**toponimija** (jew it-**toponomastika**) hi l-istudju etimoloġiku ta' l-ismijiet tal-postijiet, sew dawk abitati u sew dawk topografiċi. Kull isem ta' pajjiż, belt, raħal, territorju, qasam agrikolu, wied, bajja, għalqa, eċċ., jissejjaħ **toponimu**. Fis-sena 2000, il-Profs. Godrey Wettinger ippubblika l-ktieb *Place-Names of the Maltese Islands, ca. 1300-1800.* F'dal-volum huwa jinkludi eluf ta' toponimi Maltin u Għawdxin li ġabar tul il-korsa twila tar-riċerki tiegħu. Apparti l-lokalità ta' kull toponimu, huwa jagħti t-tifsira probabbli tiegħu kif ukoll l-eqdem attestazzjoni storika li nafu biha s'issa. Ħafna mir-referenzi jmorru lura sal-Medju Evu.

Hawnhekk qegħdin nirriproduċu dawk it-toponimi kollha li b'xi mod għandhom x'jaqsmu ma' Ħal Luqa; u kif tistgħu taraw, ħafna minnhom huma ismijiet ta' għelieqi. F'dawn id-dokumenti antiki, aktarx kuntratti u testmenti f'atti notarili, għalqa kienu jsibuha bħala *clausura* jew *galca*; xi kultant anki *chiusetta*. Isem ta' għalqa normalment inqisuh bħala mikro-toponimu għax jirreferixxi għalimkien pjuttost ċkejken.

L-informazzjoni fuq kull toponimu hija mqassma kif ġej: (a) traskrizzjoni litterali ta' l-isem kif jidher fid-dokument oriġinali; (b) is-sors u d-data ta' l-istess dokument; u (ċ) tifsir lingwistiku u tagħrif addizzjonali.

**L-Andar tad-Dukkiena** [Wettinger, p. 5]

*landar ta duckene, clausura in casali luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (9/6/1505).

*Andar* hija 'qiegħa għalgħajn ix-xemx fil-kampanja fejn jitferrex u jindires il-qamħ' [Serracino-Inglott, Vol. 1, p. 32], filwaqt li *dukkiena* hija speċi ta' bank jew maqgħad tal-ġebel. Dil-kelma arkajika għadha teżisti sa llum fl-isem Triq id-Dukkiena.

**L-Andar ta' l-Għassies** [Wettinger, p. 6]

*landar tal hasses* (*landar ta hases*), *clausura in contrata casalis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Giorgio Buttigieg (30/1/1534).

*L-għassies* seta' kien suldat tad-Dejma. F'dak iż-żmien, kien siewi ħafna għall-Ħalluqin li joqogħdu għassa għal xi ħbit tal-furbani. Minn fuq l-għolja ta' Ħal Luqa, wieħed kien jista' jara x-xtajta kollha li tieħu minn San Ġiljan saż-Żejtun [Micallef, p. 2]. Ara wkoll **Ta' l-Għassies** (q.v.) u **L-Andar tad-Dukkiena** (q.v.) għall-kelma *andar.*

**L-Andar tal-Wied** [Wettinger, p. 11]

*landar tal gued, clausura in contrata talkjneys* – għalqa f'Tal-Knejjes, Ħal Luqa,

imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (16/7/1522).

Il-wied imsemmi hu **Wied il-Knejjes** (q.v.). Ara wkoll **L-Andar tad-Dukkiena** (q.v.) għall-kelma *andar*.

**Ta' Battala** [Wettinger, p. 23]

*ta battala, galca in casali Luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (1/7/1502).

*Battal* aktarx kien il-laqam tal-familja. Jista' jfisser 'vojt, fieragħ' jew forsi jorbot ma' l-isem proprju Għarbi **Batal** li jfisser 'eroj, bniedem qalbieni'.

**Ta' Bello** [Wettinger, p. 25]

*ta bello, clausura in contrata rahal luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Brandano de Caxaro (13/12/1540).

**Bello** seta' kien l-isem proprju, il-kunjom, jew il-laqam ta' sid l-għalqa.

**Ta' Bieb il-ġnien** [Wettinger, p. 28]

*ta beb il ginen, clausura in casali luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (17/10/1514).

Aktarx li din kienet għalqa tad-dwieli. Ara wkoll **Il-Ġnejjen** (q.v.), **Ta' Taħt il-Ġnien** (q.v.), u **San Ġakbu ta' Bieb il-Ġnien** (q.v.).

**Ta' Biġeni** [Wettinger, p. 33]

*ta bigeni, clausura in contrata casalis Luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (23/10/1522).

**Bigeni** żgur li jirreferi għas-sid oriġinali ta' l-għalqa; il-kunjom għadu jeżisti sa llum.

**Ta' Binnieri** [Wettinger, p. 36]

*ta binieri, clausura in contrata casalis Luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Giuseppe de Guevara (21/4/1555).

**Binnieri** seta' kien l-isem jew il-laqam ta' sid l-għalqa. Bl-istess isem kien hemm qasam agrikolu f'Ħal Kbir, fl-inħawi tas-Siġġiewi.

**Ta' Bir il-Mogħoż** [Wettinger, p. 47]

*ta bir il mohos, terra feudi episcopi in contarata Casalis Luca* – parti mill-fewdu ta' l-Isqof fl-inħawi ta' Ħal Luqa msemmi fl-atti notarili ta' Not. Juliani Felici (7/7/1663).

Illum dan il-lok jissejjaħ ukoll **Bir Mogħoż**; aktarx li ssemma hekk minħabba li fil-viċinanza ta' dal-bir (jew ġiebja) kienu jirgħu l-mogħoż.

**Bir il-Wiesa'** [Wettinger, p. 52]

*bir ilhuasa, puteum in via quae ducit de casali Luca ad feudum de la marsa* – bir imsemmi fl-annali tal-Katidral ta' l-Imdina (20/8/1507).

Dan il-bir (jew ġiebja) kien jinsab fit-triq li minn Ħal Luqa tagħti għall-Marsa.

**Il-Blejqat** [Wettinger, p. 63]

*tal bileicat, clausura in contrata talkjneys* – għalqa f'**Tal-Knejjes** (q.v.), Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (30/8/1499).

*Blejqat* hi l-plural ta' *blejqa*, forma diminuttiva ta' *belqa*, mogħża b'pil imżewwaq bl-abjad u l-iswed. Aktrax li kien il-laqam tal-familja. Ara wkoll **Il-Ħbejjel tal-Blejqiet** (q.v.).

**Ta' Bunixeb** [Wettinger, p. 73]

*bunixeb, benificium in contrata casalis Luca* – qasam agrikolu, propjetà tal-Knisja f'Ħal Luqa, imsemmi fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (16/1/1524).

*Bunixeb* hu mnissel minn isem proprju Għarbi li jfisser 'qawwies, arċier'. Bl-istess isem kien hemm għalqa oħra f'Ħal Millieri u qasam ieħor tal-Knisja fl-Imqabba. Ara wkoll **Il-Qsajjem ta' Bunixeb** (q.v.).

**Ta' Bur Ġulad** [Wettinger, p. 76]

*bur gilath, beneficium* – qasam agrikolu, propjetà tal-Knisja f'Ħal Luqa, imsemmi fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (16/4/1526).

*Bur* huwa medda ta' art moxa (mhux maħduma), aktarx użata bħala mergħa [Serracino-Inglott, Vol. 1, p. 212]. *Ġulad* hija

forma alternattiva ta' **Gulija**, aktrax l-isem proprju jew il-laqam tas-sid oriġinali.

**Il-Bur tal-Qtates** [Wettinger, p. 79]

*yl bur tal kitatjis, galca at Luqa* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Giorgio Buttigieg (27/7/1534).

*Tal-Qtates* seta' kien il-laqam tal-familja li kellha din l-għalqa; jista' jagħti l-każ li dal-laqam ingħata b'mod ċajtier għax il-kunjom tal-familja kien **Gatt**. Ara wkoll **Tal-Qtates** (q.v.).

**Taċ-Ċagħak** [Wettinger, p. 86]

*ta chahac, galcula in casali Luca* – għalqa ċkejkna f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (10/1/1512).

Bl-istess isem kien hemm għalqa oħra f'Wied Costa (mhux lokalizzat) u roqgħa art fewdatarja f'Għawdex.

**Tal-Fies** [Wettinger, p. 126]

*ta fas, clausura in contrata casalis luce* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Gerolamo Cumbo (24/3/1538).

*Tal-Fies* aktarx li kien il-laqam tal-familja; biss, ma nistgħux neskludu l-possibbiltà li sid l-għalqa kellu, b'xi mod, jaqsam mal-belt Marokkina ta' Fes/Fez/Fas.

**Tal-Filfel** jew **Ta' Felfel** [Wettinger, pp. 123, 126-27]

*talfulfula, clausura in contrata casalis Luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (14/10/1522).

*Tal-Filfel* aktrax li kien il-laqam tal-familja. *Felfel* huwa għamla ta' bżar jaħraq użat biex iħawwar l-ikel. Il-gżira ta' Filfla ħadet isimha appuntu minn diż-żerriegħa.

**Ta' Firlizza** [Wettinger, p. 127]

*ta firliza, clausura in casali luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (26/8/1514).

*Ta' Firlizza* aktarx li kien il-laqam tal-familja; iżda seta' jirreferi għalkunjom li llum m'għadux jeżisti. Fl-1621 Ambrosio Agius xtara l-qamħ fl-għalqa *Ta' Ferlizza* għaltnax-il skud [Micallef, p. 44]. Dan juri li, aktarx, l-istess għalqa kienet għadha teżisti iżjed minn seklu wara.

**Tal-Funduq** [Wettinger, p. 130]

*tal funduc clausura in contrata ta lubuar* – għalqa f'Ta' l-Ibwar, fil-limiti ta' Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (19/1/1501).

*Fondoq* tfisser 'taverna' jew 'ħanut li fih jieqfu l-vjaġġaturi għalgħonq triqthom'. Madankollu tista' tfisser ukoll 'ħofra kbira'.

**Tal-Ġabbar** [Wettinger, p. 133]

*tal Jabbar, clausura in contrata casalis Luca* – għalqa f'Ħal Luqa, sewwasew bejn **Wied il-Knejjes** (q.v.) u l-Ingiered, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (30/8/1522).

**Jabbar** hu isem komuni Għarbi li jfisser 'ġolf, ġgant' kif ukoll 'tirann, bniedem prepotenti'. Madankollu ma nistgħux neskludu l-possibbiltà li kien laqam – *ġabbâr* hu nom ta' l-aġent mnissel mill-verb *ġabar*, u għalhekk ifisser 'wieħed li jiġbor', aktarx b'referenza għalwieħed li xogħlu kien li jsewwi oġġetti mkissra [Serracino-Inglott, Vol. III, p. 2].

**Il-Ġnejjen** [Wettinger, p. 149-50]

*Jl gineyn, clausura in contrata handac* – għalqa f'Tal-Ħandaq, ftit 'il bogħod minn Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Guiseppe de Guevara [Deguara] (11/4/1557).

*Ġnejjen* hu d-diminuttiv ta' *ġnien*. Bl-istess isem konna nsibu medda art agrikola fil-Qrendi. Ara wkoll **Ta' Bieb il-Ġnien** (q.v.) u **Ta' Taħt il-Ġnien** (q.v.).

**Ġnien Arnaw** [Wettinger, p. 151]

*gnien arnau, territorium in contrata casalis luca* – qasam art f'Wied Bundara, ħdejn Ħal Luqa, imsemmi fl-atti notarili ta' Not. Jacobo Sabbara (10/7/1495).

*Arnaw* (forma oħra ta' l-isem **Arnaldu**) aktarx li kien is-sid oriġinali ta' din l-għalqa.

**Ta' Gdus** [Wettinger, p. 169]

*ta ghidux, clausura* – għalqa f'Ħal Farruġ, fuq ix-xaqliba ta' Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (9/8/1501).

Il-kelma *gdus* hija l-plural ta' *gods* (fis-sens ta' 'borġ, munzell' jew 'qatta' ), imnissla mill-verb *geddes* [Serracino-Inglott, Vol. III, pp. 86, 103].

**L-Għalejqa ta' l-Andar** [Wettinger, p. 194]

*gleica tal Andar, chiusetta in contrata di casal luca* – għalqa ċkejkna f'Ħal Luqa msemmija fl-annali tal-Katidral ta' l-Imdina (1584-86).

*Għalejqa* hi l-forma diminuttiva ta' *għalqa*. Ara wkoll **L-Għalejqa tas-Sqaq** (q.v.) u **L-Andar tad-Dukkiena** (q.v.) għall-kelma *andar*.

**L-Għalejqa tas-Sqaq** [Wettinger, p. 195]

*il guleicha ta isucac, clausura in contrata caslis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-annali tal-Katidral ta' l-Imdina (14/3/1562).

Ara wkoll **L-Għalejqa ta' l-Andar** (q.v.).

**L-Għamieri** (?) [Wettinger, p. 638]

*il chameri, galcula in contrata gued ilkineys* – għalqa f'**Wied il-Knejjes** (q.v.), Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (1/10/1520).

Jekk it-traskrizzjoni ta' l-isem hija korretta, aktarx li hu l-plural ta' *għamra* li tfisser 'munzell'.

**Ta' l-Għar** [Wettinger, p. 202]

*talgar, clausura in contrata casalis Luca* - għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (30/8/1499).

Ara wkoll **L-Għerien** (q.v.).

**Ta' l-Għassies** [Wettinger, p. 218]

*tal hasses, tres galculae in contrata casalis Luca* – tliet għelieqi żgħar f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (1/10/1512).

Ara wkoll **L-Andar ta' l-Għassies** (q.v.) għall-kelma *għassies*.

**L-Għerien** [Wettinger, p. 223]

*ilhjren, clausura in contrata gud il kjneys* – għalqa f'**Wied il-Knejjes** (q.v.), Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (20/8/1504).

Bl-istess isem kien hemm ukoll qasam fir-Rabat. Ara wkoll **Ta' l-Għar** (q.v.).

**Il-Ħabel tal-Ħelu** [Wettinger, p. 243]

*Jl habel tal hilu, clausura in contrata casalis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Matteo Briffa (19/10/1568).

*ħabel* huwa 'kejl ta' medda raba' li dari kien jitqies mintul ta' ħabel, maqtugħ u, xi drabi, magħmul f'għalqa għalih' [Serracino-Inglott, Vol. IV, p. 9ħ]. *Tal-Ħelu* aktarx li kien il-laqam tal-familja.

**Ħaġar Mitqub** [Wettinger, pp. 266-67]

*chajar mitcub, clausura in contrata casalis Luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Chancur (26/4/1512).

Il-ħaġar mhu xejn għajr megalit preistoriku. *Mitqub* hi kelma oħra għal'imtaqqab'. F'dokumenti oħra, din l-għalqa tissemma fil-limiti ta' Ħal Saflieni jew tal-Marsa.

**Ħal Fuqani** [Wettinger, p. 276]

*casalis fucani* – rħajjel bejn Ħal Luqa u Santa Luċija msemmi fl-atti notarili ta' Not. Graciano Vassallo (29/2/1496).

*Fuqani* tfisser 'ta' fuq'; għalhekk **Ħal Fuqani** jfisser 'Ir-RaĦal ta' Fuq', f'kuntrast ma **Ħal Saflieni** (q.v.). Dan l-irħajjel kien jiġi fl-inħawi fejn hemm il-knisja preżenti ta' San Ġakbu. F'dal-lok, Micallef [p. 43] isemmi żewġ għelieqi magħrufa bħala **Ta' l-Għadira** u **Ta' Gawdi** li kienu propjetà tad-Dumnikani tar-Rabat.

**Ħal Luqa** [Wettinger, pp. 282 – 283]

*casali luca* – imsemmi għall-ewwel darba

fil-Lista tad-Dejma ta' l-1419. L-ewwel attestazzjoni notarili tinsab fir-reġistri ta' Not. Jacobo Sabbara – *rahal luca, contrata* (9/3/1487).

*Ħal* hi taqsira ta' *raĦal* li oriġinalment kienet tfisser 'razzett, roqgħa art magħluqa b'reċint fil-kampanja'; għalhekk l-isem ifisser 'ir-raĦal ta' Luqa'. Dan ir-raġel aktarx kien l-ewwel sid ta' razzett fl-inħawi. Dan ir-raġunament huwa konsistenti ma' l-ismijiet ta' rħula oħra Maltin, li ħafna minnhom m'għadhomx jeżistu, fosthom: Ħal Dwin, Ħal Arrig, Ħal Ġwann, Ħal Lew, u Ħal Niklus.

Fil-bidu **Ħal Luqa** kien qisu maqsum fi tnejn: il-parti ta' fejn illum hemm il-Knisja ta' Sant'Andrija u n-naħa ta' **Wied il-Knejjes** (q.v.), iżda żgur li wara s-seklu XIV dawn iż-żewġ xaqlibiet kienu digà meqjusa bħala entità waħda [Micallef, p. 2]. Għal żmien twil ir-raħal kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birmiftuħ sakemm inqata' għalih fl-1634.

**Ħal Saflieni** [Wettinger, p. 287-88]

*casali sifilani* – rħajjal qrib Ħal Luqa li jissemma għall-ewwel darba fil-Lista tad-Dejma ta' l-1419/20.

*Saflieni* tfisser 'ta' taħt'; għalhekk **Ħal Saflieni** jfisser 'Ir-RaĦal t'Isfel' f'kuntrast ma' **Ħal Fuqani** (q.v). Fl-inħawi ta' dan l-irħajjel kien hemm il-knisja oriġinali ta' San Ġakbu.

**Il-Ħbejjel tal-Blejqat** [Wettinger, p. 304]

*il chubeyl tal bileycath, galcula in contrata casalis luce* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (2/1/1517).

*Ħbejjel* hu l-forma diminuttiva ta' *ħabel.* Ara wkoll **Il-Ħabel tal-Ħelu** (q.v.) u **Il-Blejqat** (q.v.) għall-kliem *ħabel* u *blejqa.*

**Tal-Ħerba** [Wettinger, p. 310]

*il chirbe, galcula in contrata gued il kineys* – għalqa f'**Wied il-Knejjes** (q.v.), Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (30/4/1523).

*Ħerba* aktarx tfisser dar imwaqqgħa jew razzett abbandunat, imma tista' tirreferi wkoll għalxi rovini storiċi (jekk mhux pre-istoriċi).

**Tal-Ħmieri** [Wettinger, p. 321]

*tal himeri chusa in contrata ta gued Jl chineys* – għalqa f'**Wied il-Knejjes** (q.v.), Ħal Luqa, imsemmija fl-annali tal-Katidral ta' l-Imdina (6/4/1569).

*Ħmieri* tista' tkun laqam aġġettivali mnissel minn *ħmar,* mod ieħor, jista' jkun li qed jirreferi għalartijiet b'ħamrija ħamra.

**Tal-Kires** (jew **Tal-Ħires**) [Wettinger, p. 644]

*tal chires, lencia terrae in contrata ta gued elchineies* – ħabel art f'**Wied il-Knejjes** (q.v.), Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Giuseppe de Guevara (30/10/1545).

L-isem hu dubjuż; daqshekk ieħor it-tifsira.

**Tal-Knejjes** [Wettinger, p. 344-45]

*tal kjneys casalis luca, contrata* – distrett agrikolu f'Ħal Luqa msemmi fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (16/12/1522).

Probabbilment, diż-żona hi sinonima ma' **Wied il-Knejjes** (q.v.); jew almenu kienet tifforma parti minnu.

**Tal-Knisja ta' l-Imsaqqfa** [Wettinger, p. 345]

*tal chnisie tal musachife, duae clausulae in contrata casalis luce* – żewġ għelieqi f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Antonio Cassar (16/4/1554).

Ma nafux eżattament ħdejn liema knisja kienu. Biss aktarx li dil-knisja kienet qrib dolmen – it-tifsira tat-terminu *msaqqfa.*

**Tal-Latmija ta' l-Imdemmes** [Wettinger, p. 349]

*Jllatmia tal midemmes, clausura in contrata di Casal Luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Benedetto Vassallo (2/1/1686?).

*Latmija* ġejja mill-Isqalli *latomia* li tfisser 'barriera, katakombi, ħabs sotterranju' [Wettinger]. Serracino-Inglott [Vol. V, p. 262] iżid li *latmija* tista' tkun ukoll ħofra kbira jew ġiebja fonda. *Imdemmes* (aktarx laqam tal-

familja) tfisser '(ikel) imsajjar bil-ħwawar fuq in-nar u mgħotti tajjeb biex ma jitlef xejn mill-fwieħa tiegħu' [Serracino-Inglott, Vol. IX, p. 79]. Skond Micallef [p. 44] ir-raba' *Ta' Midemmes* kien f'tarf Triq iż-Żurrieq.

**Tal-Merqad** [Wettinger, p. 375]
*talmercad, glaca in contrata casalis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (1/8/1525).

*Merqad* hi kelma oħra għal*marqad* li tfisser 'dormitorju', prinċipalment 'post magħluq fejn il-bhejjem jidħlu jorqdu' [Serracino-Inglott, Vol. VI, p. 57].

**Il-Misraħ** [Wettinger, p. 388]
*misirah, spacium* – pjazza f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Jacobo Sabbara (22/11/1499).

*Misraħ* propjament hu 'wesgħa art għall-wita iżda mhux maħduma, bĦal xgħajra, fejn joħorġu jistrieħu n-nies tar-raĦal u jirgħaw il-bhejjem (dik li l-Ingliżi jsejħu *village green*); aktar tard ħa s-sens ta' 'wesgħa art fil-beraħ qrib il-knisja tar-raħal' [Serracino-Inglott, Vol. VI, p. 164]. L-Imsieraħ (illum San Ġwann) ħa ismu mill-plural tal-kelma.

**Tal-Qirew** [Wettinger, p. 441]
*talkjreu, contrata* – medda art agrikola f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (28/7/1507).

*Qirew* hija l-ikla li tingħata lill-ħaddiema bħala premju wara li jkunu temmew ix-xogħol assenjat. Serracino-Inglott [Vol. VII, p. 235] jgħid li *qirew* jista' jkun ukoll rigal ta' kull xorta, ngħidu aħna somma flus, mogħti fl-istess okkażjoni. Aktarx li dan kien il-laqam tal-familja. Ara wkoll **Il-Qirew Fuqani** (q.v.) u **Il-Qirewwiet** (q.v.).

**Il-Qirew il-Fuqani** [Wettinger, p. 442]
*ilkjreu il fucani, galca* – għalqa probabbilment f'**Tal-Qirew** (q.v.), Ħal Luqa, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (9/4/1524).

*Fuqani* tfisser 'ta' fuq', antonimu ta' *saflieni* li tfisser 't'isfel'. Ara wkoll **Il-Qirewwiet** (q.v.) u **Ħal Saflieni** (q.v.).

**Il-Qirewwiet** [Wettinger, p. 442]
*kreuet, terri* – żewġ għelieqi żgħar f'**Tal-Qirew** (q.v.), Ħal Luqa, imsemmija fl-annali tal-Katidral ta' l-Imdina (16/10/1482).

*Qirewwiet* hija l-plural ta' *qirew*. Ara wkoll **Il-Qirew Fuqani** (q.v.) għat-tifsira tal-kelma.

**Il-Qsajjem ta' Bunixeb** [Wettinger, p. 448-49]
*el Chisaiem ta Bunoxeb, terre del vescovo in contrata casalis luce* – medda art agrikola, propjetà ta' l-Isqof, imsemmija fl-atti notarili ta' Not. Gioanni Debono (22/6/1593).

*Qsajjem* hija d-dimunittiv ta' *qasam* li jfisser 'medda aktarx kbira li tkun ta' sid wieħed' jew 'terretorju mogħti bħala fewdu lil xi ħadd' [Serracino-Inglott, Vol. VII, p. 203]. Ara wkoll **Ta' Bunixeb** (q.v.).

**Tal-Qtates** [Wettinger, p. 450]
*tal catatis, clausura in contrata casalis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (10/1/1515).

*Tal-Qtates* seta' kien il-laqam tal-familja jew forma korrotta (b'daqsxejn tiġbid) tal-kunjom kompost **Gatt Inguanes** [Wettinger] żgur li l-kunjom **Gatt** kien preżenti f'Ħal Luqa fl-aħħar snin ta' qabel il-wasla ta' l-Ordni [Micallef, p. 6]. Bl-istess isem kien hemm għalqa fil-Marsa. Ara wkoll **Il-Bur tal-Qtates** (q.v.).

**Ta' Reħi** (?) [Wettinger, p. 643]
*ta rehi, clausura in contrata casalis luce* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Gerolamo Cumbo, 1538 (10/4/1538).

It-tifsira ta' dan l-isem mhijiex magħrufa.

**Ta' Rożella** [Wettinger, p. 478]
*ta ruxella, territorium in casali luca* – medda art agrikola f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (10/1/1515).

Każ rari ta' propjetà b'nomenklatura

femminili; madankollu, is-sid seta' kien raġel b'dal-laqam minħabba isem ommu jew martu.

**Rqajja' l-Għaram ta' Kastillana** [Wettinger, p. 480]

*ricaya ilharem ta castillane, tres clausurae in contrata casalis* – tliet għelieqi msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (10/1/1515).

*Rqajja'* hi l-plural ta' *roqgħa* li f'dal-kuntest tfisser 'biċċa raba' li tagħmel parti minn għalqa akbar, iżda li tidher maqtugħa għaliha jew tkun maħduma minn sid differenti' [Serracino-Inglott, Vol. VII, p. 384]. *Għaram* hi l-plural ta' *għarma* li proprjament tfisser 'munzell, borġ', iżda b'estensjoni tista' tfisser ukoll 'għaqba, tumbata, għolja ċkejkna' [Serracino-Inglott, Vol. III, p. 188]. *Kastillana* kien il-laqam jew il-kunjom (illum estint) ta' sid dawn l-għelieqi.

**San Ġakbu ta' Bieb il-Ġnien** [Wettinger, p. 492]

*ta santo Jacobu ta beb il gnien, terre in contrata ta bir ittauil* – art agrikola f'**Ta' Bir It-Twil** fl-inħawi ta' Ħal Luqa msemmija fl-annali tal-Katidral ta' l-Imdina (13/11/1586).

Il-knisja oriġinali ta' San Ġakbu nbniet għal ħabta ta' l-1550 iżda ma kinetx fl-istess post fejn tinsab illum (fit-triq li tagħti lejn Santa Luċija, fejn qabel kien hemm Ħal Fuqani), iżda fl-inħawi ta' **Ħal Saflieni** (q.v.). Aktarx li ġarrbet ħsarat kbar matul l-Assedju l-Kbir u għal żmien twil baqgħet mitluqa sakemm fl-1613, l-Isqof Gargallo pprofanaha. Reġgħet inbniet fl-1623 [Micallef, pp. 34, 99 – 100].

F'xi dokumenti medjevali, **Ta' Bir it-Twil** hu deskritt bħala distrett bejn l-Imqabba u l-Qrendi. Fl-1609 Giuliano Mallia daħħal l-annimali tiegħu bla permess f'għalqa **Ta' Bir it-Twil** imqabbla lil ċertu Matteolo [Micallef, p. 45]. It-*Twil* aktarx kien il-laqam tas-sid oriġinali, iżda jista' jkun ukoll l-isem proprju Għarbi **Tawil**, bl-istess tifsira fil-Malti. Ara wkoll **Ta' Bieb il-Ġnien** (q.v.).

**Ta' San Ġiljan** [Wettinger, p. 492]

*ta San Giglan, clausura in contrata casalis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (21/7/1500).

Fir-rapport tal-Viżta Pastorali ta' Dusina (1575) naqraw li maġenb il-knisja ewlenija ta' Sant'Andrija, kien hemm knisja ċkejkna ddedikata lil San Ġiljan. Kellha għalqa msejħa **Ta' San ġiljan** li bir-renti tagħha kienet issir il-festa tal-qaddis b'vespri u quddiesa [Micallef, pp. 31, 82 – 83].

**Ta' Sillani** [Wettinger, p. 531]

*ta silani, clausura in casalis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (2/8/1533).

*Sillani* seta' kien l-isem proprju, il-kunjom (illum estint), jew il-laqam tas-sid oriġinali. Ma nafux xi jfisser.

**Ta' Sinduwa** [Wettinger, p. 532]

*ta sindiuhe, clausura in contrata casalis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (13/7/1528).

*Ta' Sinduwa* aktarx li kien il-laqam tal-familja. Sid l-għalqa seta' kellu x'jaqsam, b'xi mod, ma' Sind, li qabel kienet parti mill-Indja u li llum hija provinċja tal-Pakistan.

**Ta' Taħt il-Ġnien** [Wettinger, p. 545]

*tahit yl ginen, galca in contrata casalis luca* – għalqa f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Giorgio Buttigieg (21/2/1538).

*Taħt il-ġnien* għadu magħruf sa żmienna, iżda ma nistgħux inkunu ċerti mija fil-mija li din l-għalqa kienet fl-istess lok ta' llum. Anġlu Tonna, stimatur tar-raba', meta mar jistma' l-għelieqi *Ta' Taħt il-Ġnien* fl-1665, stqarr li r-raba' kien ilu jorħos sa mill-1660. Tomna raba' tajba, fil-fatt, kienet iġġib biss mat-tmienja u tmenin skud [Micallef, p. 169]. Ara wkoll **Ta' Bieb il-Ġnien** (q.v.).

**De la Vagna** [Wettinger, p. 559]

*di la Vagna, praebenda* – prebenda tal-

Katidral, f'Birmituħ, ftit 'il bogħod minn Ħal Luqa, imsemmija fir-*Rollo de Mello* ta' l-1436.

Fl-1531, Nicola Bondin, sid ta' għalqa msejħa *la Vagna*, ħarrek u tella' lil Giulio Bondin l-qorti talli ma ħallasx il-qbiela [Micallef, p. 90]. Ma nistgħux inkunu ċerti jekk din l-għalqa hijiex l-istess prebenda. Il-familja Vagna kienet prominenti ħafna f'Malta fis-seklu XIV.

**Wied il-Knejjes** [Wettinger, p. 580]

*gued ilkjneys, contrata casalis luca* – distrett f'Ħal Luqa msemmi fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (13/6/1499).

L-ewwel komunità ta' rziezet fir-raĦal faqqset appuntu f'Wied il-Knejjes. F'dawn l-inħawi maż-żmien inbnew tliet knejjes – ta' San Nikola u tat-Twelid tal-Madonna (li kienu jmissu ma' xulxin qrib għalqa msejħa *Ta' l-Andar*), kif ukoll ta' Santa Marija ta' l-Ibwar (li kienet fejn illum hemm iċ-ċimiterju ta' Wied il-Knejjes). Ftit 'il bogħod, fit-triq li tagħti għal Ħal Farruġ, imbagħad, kien hemm il-knisja ta' San Tumas. Kollha jissemmew fir-rapport tal-Viżta Pastorali ta' Dusina (1575). Dan malajr jispjega l-isem ta' dan id-distrett [Micallef, pp. 31, 33]. Ara wkoll **Tal-Knejjes** (q.v.)

**Il-Wilġa [ta'] Bonanno** [Wettinger, p. 594]

*Jl huilge de bonanno, lencia de terra in contrata casalis luca* – medda art agrikola f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Juliano Muscat (17/7/1538).

**Bonanno** hu kunjom antik iddokument f'Malta sa mis-seklu XIV. F'Ħal Luqa, il-kunjom hu diġà rreġistrat fil-Lista tad-Dejma ta' l-1419/20. *Wilġa* hi 'biċċa raba' aktarx watja li ddur ma' wied' [Serracino-Inglott, Vol. IX, p. 9].

Micallef [p. 169] isemmi għalqa f'Ħal Luqa magħrufa bħala l-**Wilġa**, attestata fl-1692.

**Ta' Xuri** [Wettinger, p. 624]

*ta xuri, domus cum suo cortili et coquino in casali luca* – dar b'bitħa u kċina f'Ħal Luqa msemmija fl-atti notarili ta' Not. Consalvo Canchur (10/1/1515).

*Xuri* mhi xejn għajr forma korrotta ta' **Fiore**, aktarx isem jew kunjom sid id-dar [Wettinger]. Kien fl-ewwel nofs tas-seklu XVI li d-djar f'Ħal Luqa bdew jinbnew tal-ġebel [Micallef, p. 9].

**Referenzi**

Micallef = Micallef, Joseph. *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*. Malta, 1975.

Serracino-Inglott = Serracino-Inglott, Erin. *Il-Miklem Malti* (9 volumi). Malta: Klabb Kotba Maltin, 1975 – 1989.

Wettinger = Wettinger, Godfrey. *Place-Names of the Maltese Islands, ca. 1300-1800*. Malta: PEG, 2000.

**MARIO CASSAR**

**Green Pepper**

**Fresh Fruit, Vegetables and Salumeria**

Fejn issibu frott, ħaxix frisk u Salumeria kif ukoll items għall-parties bħal pizza, pastizzi, sausage rolls eċċ.

**Triq il-Ġdida, Luqa Tel: 21663883**

By Alfred & Lourdes